MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-15 ta' Diċembru, 2005

Citazzjoni Numru. 488/1998/1

**Josephine ŻAMMIT**

**vs**

**Victor FIORENTINO u b'Nota tat-30 ta' Lulju, 1999, Irene Fiorentino assumiet l-atti tal-kawża bħala mandatarja tal-imsemmi Victor Fiorentino assenti minn Malta u sakemm idum imsiefer**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-11 ta' Marzu, 1998, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attriċi talbet li l-imħarrek jiġi kundannat iħallasha somma miftehma ta' elfejn u ħames mitt lira Maltija hekk kif huwa jiġi magħruf mis-sid (il-Gvern ta' Malta) bħala l-kerrej ta' ħanut mikri lilu. Talbet ukoll li huwa jħallasha somom oħrajn rappreżentanti l-ammonti ta' għajnuna soċjali li hija tilfet kemm l-imsemmi ħanut dam fuq isimha sa ma dar fuq isem l-imħarrek, u kif ukoll it-taxxa tad-dħul li hija ġarrbet

għas-snin 1988 u 1989, u dan wara li l-istess ammonti jiġu likwidati;

Rat in-Nota mressqa minn Irene Fiorentino fit-30 ta' Lulju, 1999[1], li biha hija assumiet l-atti tal-kawża bħala mandatarja tal-imħarrek żewġha li kien imbiegħed minn Malta;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-30 ta' Lulju, 1999, li biha l-imħarrka *nomine* laqgħet billi qalet li l-azzjoni attriċi waqgħet bl-għeluq taż-żmien ta' ħames snin li matulhom il-kawża messha nfetħet, u wkoll billi l-ammonti mitluba m'humiex dovuti u li t-tieni premessa attriċi hija falza;

Rat ix-xhieda mogħtija mill-partijiet quddiem il-Qorti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha tat-3 ta' Ġunju, 2004, tat-18 ta' Novembru, 2004, tal-10 ta' Marzu, 2005 u tad-9 ta' Ġunju, 2005, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal ħlas ta' rigal dwar għarfien mis-sid ta' kerrej ta' post mikri (ħanut) u wkoll għall-ħlas ta' telf ta' benefiċċji u taxxa mħallsa żejda mill-attriċi sakemm seħħ dak l-għarfien;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-attriċi kienet tikri ħanut mgħammar għall-bejgħ ta' "*videos*" u tagħmir elettroniku, liema ħanut jagħmel parti minn blokk ta' bini fi Triq il-Ġdida, Bormla. Il-post kien tal-Gvern. Fl-1986, l-imħarrek talab lill-attriċi tikrihulu. Hija ma riditx. Wara xi żmien, ħajjarha ddaħħlu magħha fil-kera bi sħab. Qablet imma meta waslu għall-ftehim, ġie ma' u ressaq lil

[1] Paġ. 12 tal-proċess

ħaddieħor, wieħed Joseph Coleiro[2]. Sar xi kliem dwar it-telf ta' benefiċċji soċjali li hija kienet sejra titlef minħabba li kellha l-kirja tal-ħanut fuq isimha. B'xi mod waslu f'xi sura ta' qbil u l-imħarrek ġabilha kitba dwar l-arranġament li sar bejniethom biex hija tiffirmah.[3] Huma iffirmaw id-dokument;

Illi wara li l-imħarrek u Coleiro daħlu jmexxu l-ħanut, għamlu xi ħmistax-il xahar flimkien. Imbagħad Coleiro ħalla lill-imħarrek fil-ħanut waħdu. Sadattant, l-imħarrek kien beda jgħaddi xi ħlasijiet lill-attriċi. B'kollox ħallasha madwar disa' mitt lira Maltija (Lm 900) mifruxa fuq medda ta' sitt jew seba' okkażjonijiet[4]. Il-ħanut dar fuq isem l-imħarrek fl-1988[5]. Minn dak inhar 'il quddiem lill-attriċi ma ħallasha xejn iżjed. F'Ġunju tal-1990, l-attriċi fetħet kawża lill-imħarrek bit-talbiet li saru fil-kawża tal-lum, iżda l-ammont mitlub kien ogħla[6]. Il-kawża ġiet imħassra minn fuq il-lista ta' kawżi f'Marzu tal-1992[7]. F'Settembru tal-1993, l-attriċi reġgħet fetħet kawża oħra kontra l-imħarrek, u bl-istess talbiet[8], liema kawża marret deżerta f'Awissu tal-1996. F'Marzu tal-1998, infetħet din il-kawża;

Illi l-ewwel fost il-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali li jeħtieġ li jsiru hija dik dwar il-preskrizzjoni ta' ħames snin mqanqla mill-imħarrek. L-imħarrek baqa' ma semmiex fuq liema artikolu tal-liġi huwa jsejjes l-eċċezzjoni tiegħu. Huwa jsemmi biss it-tul taż-żmien preskrittiv li fuqu jserraħ l-eċċezzjoni tiegħu. Dan il-fatt ma jġibx l-effett li dik l-eċċezzjoni ma tistax tiġi mistħarrġa aktar[9], jew li tista' titqies bħallikieku ma saritx għaliex ma jkunx issemma l-artikolu partikolari li fuqha tistrieħ. Għalhekk, għalkemm dan huwa l-każ, u għalkemm m'huwiex il-kompitu tal-Qorti li tindika hi liema huwa l-artikolu jew il-perjodu preskrittiv applikabbli, jidher li l-eċċezzjoni saret b'riferenza għall-azzjoni kif imfassla mill-attriċi. Din l-azzjoni hija dik tal-ħlas ta' flus imwegħda bi ftehim, jew kif inhi wkoll

---

[2] Xhieda ta' Joseph Coleiro 22.1.2001, f'paġġ. 46-7 tal-proċess
[3] Dok "JZ1", f'paġ. 22 tal-proċess
[4] Xhieda tal-attriċi 25.10.2000 f'paġġ. 33 u 36-7 tal-proċess
[5] Dok "JZ1", f'paġ. 102 tal-proċess
[6] Paġġ. 59 sa 64 tal-proċess
[7] Paġ. 70 tal-proċess
[8] Paġġ. 72-3 tal-proċess
[9] Ara, per eżempju, P.A. AJM **9.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***George Borġ noe vs Ratan Mohnani pro et noe***

magħrufa bħala l-*actio constitutae pecuniae*. F'każ bħal dan, meta eċċezzjoni tal-preskrizzjoni titqanqal fil-qafas ta' azzjoni partikolari li għaliha tgħodd dispożizzjoni ċara tal-liġi, ma jkunx meħtieġ li l-parti eċċipjenti ssemmi liema huwa l-artikolu tal-liġi li fuqha tqajjem eċċezzjoni bħal dik[10];

Illi huwa magħruf u aċċettat li azzjoni bħal dik li ressqet l-attriċi taqa' b'għeluq il-ħames snin[11] u hija meqjusa bħala waħda minn dawk l-azzjonijiet li għalihom jgħodd l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Hija din l-istess dispożizzjoni tal-liġi li, għal żmien twil, fuqha kienet issejset ir-regola li kull azzjoni mnissla minn kitba privata li fiha ftehim għall-ħlas ta' somma flus hija azzjoni li trid tinbeda sa żmien ħames snin. Ladarba jintwera liema hu ż-żmien preskrittiv applikabbli għall-każ, u dan ikun jidher mad-daqqa t'għajn, jaqa'fuq il-parti attriċi l-piż li turi li dak iż-żmien jew kien sospiż jew kien inkiser[12]. Jekk il-parti attriċi tonqos li turi sewwa li dak iż-żmien kien inkiser jew kien hemm raġuni maħsuba mil-liġi li minħabba fiha ż-żmien kien wieqaf, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni trid tintlaqa'[13];

Illi, fil-każ tal-lum, madankollu, il-kitba li saret bejn l-attriċi u l-imħarrek f'Marzu tal-1988 kienet tagħmilha ċara li l-ammont hemm imsemmi kellu jitħallas lill-attriċi "appena Victor Fiorentino jiġi rikonoxxut bħala l-inkwilin il-ġdid tal-imsemmi ħanut da parti tal-Gvern". Minħabba li dan il-kliem jikkostitwixxi jedd kundizzjonali, il-preskrizzjoni ma setgħetx tibda tgħaddi qabel ma dik il-kundizzjoni sseħħ[14]. Hekk kif seħħet tali kundizzjoni (x'aktarx f'xi żmien lejn Ottubru tal-1988), wieħed seta' jitkellem dwar żmien ta' preskrizzjoni li beda għaddej[15];

Illi l-attriċi tgħid li dak iż-żmien ma għadda qatt għaliex hija kisritu billi mexxiet kontra l-imħarrek b'atti ġudizzjarji. Jirriżulta li l-attriċi, qabel ma fetħet din il-kawża, kienet

[10] P.A. PS **21.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Surprise Yachts Limited vs Joseph Rosso pro et noe***
[11] Ara P.A. **5.6.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Brincat et*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.744**)
[12] App. Ċiv. **20.3.1978** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Paċe vs Fredu Fenech*** (mhix pubblikata)
[13] App. Ċiv. **30.5.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Belle McCance noe*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.133**)
[14] Art. 2125 (a) tal-Kap 16
[15] Art. 2137 tal-Kap 16

fetħet ukoll żewġ kawżi oħrajn kontra l-imħarrek (it-tnejn li huma b'talbiet bħal ma saru f'din il-kawża). Fiż-żewġ kawżi, l-imħarrek kien laqa' l-atti u ressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu. L-ewwel kawża l-attriċi fetħitha f'Ġunju tal-1990, u ntemmet f'Marzu tal-1992 billi l-Qorti ħassritha minn fuq il-listi għall-finijiet tal-artikolu 199(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Ma jidhirx li l-attriċi ressqet talbet biex il-kawża terġa' titqiegħed fuq il-listi tas-smigħ. It-tieni waħda bdietha f'Settembru tal-1993, iżda marret deżerta fl-1 t'Awissu tal-1996. Ma ntweriex li l-attriċi ressqet xi għamla oħra ta' att ġudizzjarju li bih iż-żmien tal-preskrizzjoni seta' nkiser jew twaqqaf;

Illi tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh li għalkemm l-Att taċ-Ċitazzjoni huwa att ġudizzjarju u jikser ukoll il-preskrizzjoni[16], il-liġi tqisu b'mod differenti minn ki tqis atti ġudizzjarji oħrajn. Kemm hu hekk, il-liġi tagħraf bejn "att ġudizzjarju" u "talba ġudizzjarja". F'tal-ewwel, il-preskrizzjoni tinkiser (dment li l-persuna intimata tilqa' l-att sa żmien xahar mill-aħħar jum tal-preskrizzjoni[17]) imqar jekk dak l-att ikun wieħed null[18]. F'tat-tieni, il-preskrizzjoni tinkiser (ukoll jekk il-parti mħarrka ma tkunx laqgħet l-atti minħabba li tkun imsiefra[19]) dment li l-parti attriċi tissokta l-kawża u tieħu sentenza fuq dik it-talba[20]. Dan għaliex l-Att taċ-Ċitazzjoni jeżegwixxi l-azzjoni nfisha u mhux iġeddidha[21]. Iżda fil-każ ta' att taċ-Ċitazzjoni, l-effett preskrittivi tiegħu tal-jedd pretiż jaqgħu jekk kemm-il darba l-parti attriċi ma tissoktax il-kawża jew din tmur deżerta jew jekk it-talba attriċi ma tintlaqax[22];

Illi minn dak li joħroġ mill-atti ta' din il-kawża, jirriżulta li ż-żewġ kawżi li l-attriċi fetħet kontra l-imħarrek qabel din tal-lum ma ntemmux bl-għoti ta' sentenza. It-tnejn mietu qabel waqthom, waħda bit-tħassir tagħha minn fuq il-listi tas-smigħ u l-oħra billi marret deżerta wara li kienet marret *sine die*. Minħabba li l-attriċi naqset li terġa' ġġib 'il

[16] Kumm.**15.3.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Louis Cuschieri noe vs Silvio Mifsud et*** (mhix pubblikata)
[17] Art. 2130(1) tal-Kap 16
[18] Art. 2129 tal-Kap 16
[19] App. Ċiv. **1.4.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Perit Joseph Sultana vs Ronald Gaerty***
[20] Art. 2131 tal-Kap 16
[21] P.A. PS **2.2.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***George Bonniċi noe vs Nicholas Ellul et noe et***
[22] Art. 2132 (1) tal-Kap 16

quddiem it-talba fiż-żmien ta' xahar li trid il-liġi, jiġi li bejn Ottubru tal-1988 u Marzu tal-1998 (meta nfetħet din il-kawża) ma tressaq minnha l-ebda att ġudizzjarju li waqqaf il-preskrizzjoni. Dan in-nuqqas kien determinanti biex reġa' ta ħajja liż-żmien preskrittiv li seta' kien twaqqaf kieku l-kawżi tmexxew 'il quddiem bil-għaqal dovut[23] ;

Illi ma ntwera bl-ebda mod li l-imħarrek għaraf id-dejn, irrinunzja għall-preskrizzjoni jew wettaq xi ħlas li bih kiser iż-żmien preskrittiv. Kemm hu hekk, jirriżulta li, hekk kif ingħata l-għarfien mis-sid tal-ħanut, ma reġax ħallas lill-attriċi l-ebda rata jew pagament. Minbarra dan, lanqas ma ntwera li l-imħarrek stqarr li kellu xi dejn mal-attriċi u matul ix-xhieda tiegħu ċaħad b'qawwa li kien għad fadal xi kreditu dovut minnu;

Illi lanqas ma huwa ta' xkiel għas-siwi ta' din l-eċċezzjoni l-fatt li, matul is-smigħ tal-kawża, l-imħarrek xehed li huwa kien ħallas kulma kellu jħallas lill-attriċi, u dan għaliex l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma hix inkompatibbli mad-difiża tal-ħlas[24];

Illi minħabba f'dan kollu, l-Qorti sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek;

Illi, fid-dawl ta' dan, il-Qorti m'għandhiex għalfejn tgħaddi biex tistħarreġ il-kwestjoni tal-każ fil-mertu;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrek u tiddikjara li l-azzjoni attriċi kienet waqgħet bl-għeluq taż-żmien ta' ħames snin minn mindu messha nbdiet; u

**Għalhekk, tiċħad it-talbiet attriċi**, bl-ispejjeż kontra l-attriċi.

**Moqrija**

---

[23] App. Ċiv. **10.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Aquilina et noe vs Charles Camilleri***
[24] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Perit Guido Vella vs Dr. Emanuel Ċefai***

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------